**Minuti tal-mitejn u erbgħa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar 2013, fil-5.00 p.m. Din hija wkoll it-tnax il-laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit u |
| | Dr. Joseph Attard |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

Is-Sinjura Maria Grima kienet skużata u waslet fil-5:15pm
Dr. Kevin Cutajar kien skużat u wasal fis-6:35pm

**TALBA TAL-BIDU, QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Intqalet it-talba tal-bidu u wara il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 283 li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru, 2012, ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**Punti mqajma mill-Minuti**

Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar l-istat ħazin ta' Vjal 8 ta' Settembru. Is-Sindku qal li intbagħtet *email* lill-Ministru għal Għawdex nhar il-Ħamis 3 ta' Jannar 2013 fejn saret it-talba biex jingħata patching b'mod urġenti u li din it-Triq tiddaħħal fil-program tal-asfaltar tat-toroq.

Il-Kunsillier Is-Sur Victor Zammit talab li jkun jista jellabora fuq is-sistema tal-Spiral Methodology li kien semma fil-laqgħa tat-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012. Huwa qal li l-Spiral Methodology hija sistema ta' allokazzjoni ta' fondi

limitati, bħal ta' Kunsill Lokali. Il-metodu jikkonsisti billi jiġu mlaqqa l-gruppi omoġeniċi (*homogenous groups*) tal-lokal, fejn kull grupp jagħti l-verżjonijiet tiegħu ta' x'ifisser *"well being"* għalih, għal dawk qrib tiegħu (il-lokal) u għal kulħadd. Imbagħad jagħti l-versjonijiet tiegħu ta' xi ifisser *"ill being"* mill-istess tlett perspettivi, u it-tielet mistoqsija hija: x'tagħmel jew x'tista tagħmel għal *well being* tiegħek u l-*well being* ta' kulħadd. Il-verzjonijiet kollha (risposti) jinkitbu fuq biċċa karta (post-its) u dawn jiddaħħlu f'kodiċi li japplika għar-risposta li tkun. Il-kodiċi imbagħad jiddaħħal fi program jismu Esporien li joħroġ deskrizzjoni (delineation) ta' kif għandhom jitqasmmu l-fondi disponibli biex jintlaħaq il-*well being* personali, dak qrib tiegħu u dak aktar imbiegħed.

Il-Kunsillier Dr. Joseph Attard staqsa dwar it-talba għal *double line* li kien għamel is-Sur Lawrence Camilleri. Is-Sindku wieġeb li il-Kunsill kien qiegħed jistenna il-kunsens mingħand sid il-propjeta fejn ser isiru is-sinjali. Huwa qal li is-Sur Camilleri kien informat b'dan.

Il-Kunsillier Dr. Joseph Attard staqsa dwar il-possibilta li isir traffic management plan fi Pjazza Sant Anton. Is-Sindku wieġeb li kienet saret pjanta mil-Perit f'legislatura preċidenti u li għandna nimxu fuqha. Il-Kunsill ideċċida li din il-pjanta tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

Il-Kunsillier Dr. Christian Zammit talab informazzjoni dwar il-*quotations* tat-tabella tal-faċċata tal-*playing field*. Is-Sindku qal li dalwaqt ser ikun hemm sejħa għal fondi sabiex isiru tabelli għat-turisti (taħt il-LEADER) u jagħmel sens li nistennew ftit. Il-Kunsill qabel li nimxu hekk.

Il-Kunsillier Dr. Joseph Attard semma l-istat tar-railing li hemm madwar ix-*shelter* tal-gwerra fil-Pjazza Vittorja. Is-Sindku qal li għandna naraw nistgħux nagħmlu xi railing b'disin flokk il-kannen li hemm bħalissa. Il-Kunsill iddeċċida li inkellmu lid-designer Is-Sur Clive Refalo dwar dan.

**Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

1. Is-Sindku beda billi informa lill-Kunsill li skond l-informazzjoni li għandu, id-deċizjoni dwar l-applikazzjoni għall fondi taċ-Ċentru Ċiviku ser tkun lejn l-aħħar ta' Marzu. Hu qal li l-Perit Mariella Xuereb lestit

ir-rapport dwar il-post alternativ biex ikun jista' jintuza bħala uffiċċini għal-Kunsill sakemm jinbena iċ-ċentru ċiviku ġdid. Dan għandu jiġi diskuss fl-laqgħa oħra.

2. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dwar Measure 313 ingħalqu it-tenders għal-Project Manager, Technical Consultant u għal-Project Supervisor. Is-Sindku semma li il-Kunsill irċieva seba' tenders b'kollox. Huwa ta' rendikont tat-tenders kif ġew mitfuha. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ifformat bord tal-għazla li ikollu ħames membri, tlett Kunsilliera u żewġ persuni tekniki. Il-Kunsill qabel li għandna naraw joqgħodux Dr. Joshua Grech u Dr. Josette Spiteri Cauchi.

3. Is-Sindku semma ukoll li dwar l-organizazzjoni tal-attivitajiet tal-Karnival kollox jinsab miexi kif pjanat. Huwa informa lill-Kunsill li is-Sibt 9 ta' Frar ser ikun hemm l-attivitajiet fil-Pjazza tan-Nazzarenu u li Il-Ħadd 10 ta' Frar ser ikun hemm l-attivitajiet fil-Pjazza Vittorja. Huwa ippresenta lill-Kunsill il-program li kien ġie imfassal u dan ġie aċċettat.

F'dan il-mument il-laqgħa ġiet sospiza għaliex waslu is-Sur John Attard, is-Sur Stefan Attard u is-Sinjura Maria Xiberras, għall-laqgħa mal-Kunsill. Il-ħin kien il-5:15pm. F'dan il-mument waslet ukoll il-Kunsilliera Maria Grima.

**TWASSIL TAL-KONDOLJANZI**

Qabel ma tkompliet il-laqgħa l-Kunsilier Dr. Joseph Attard f'ismu, f'isem sħabu l-Kunsilliera kollha u f'isem l-i*staff*, wassal il-kondoljanzi lill-Kunsilliera Maria Grima għat-telfa tal-għażiża ommha Consiliga Grima li seħħet nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsilliera Maria Grima irringrazzjat lil kulħadd għas-sapport li hija sabet mingħand il-membri u l-i*staff* tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra u għas-sobgħa li urew magħha f'dan il-mument diffiċli.

4. Is-Sindku kompla il-laqgħa billi informa lill-Kunsill dwar il-preparamenti għall-konferenza internazzjonali li il-Kunsill ser jorganizza dwar l-immigrazzjoni. Huwa qal li l-Kunsill irċieva erba'

stimi għas-sala tal-konferenzi, u wara diskussjoni il-Kunsill iddeċida li għandna nuzaw il-lukanda Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel ukoll li bħala akkomodazzjoni għandna nuzaw il-lukanda Cornicopia. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit qal li għandna nagħmlu laqgħa mal-management tal-lukandi biex nifthemu id-dettalji. Dr Zammit kompla billi informa lill-Kunsill li l-parteċipanti bdew jibbukjaw it-titjiriet tagħhom għal Malta.

Is-Sindku qal li għandna ingibu quotations għat-transport u irridu naħsbu biex ingibu bnadar tal-pajjizi li ser jieħdu sehem fil-konferenza. Huwa issuggerixxa ukoll li għandna ukoll nistidnu għal konferenza is-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsilli li huma milqutin bl-immigrazzjoni irregolari. Il-Kunsill qabel li dan isir. Dr Zammit ippresenta ukoll il-program u il-pjan tal-konferenza mill-bidu sat-tmiem, il-Kunsill approva unanimament dan il-program.

F'dan il-mument il-laqgħa ġiet sospiza għaliex is-Sinjura Josephine Azzopardi li kienet prezenti fil-kamra, xtaqet tkellem lill-Kunsill. Il-ħin kien il-5:56pm. Il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda fis-6:05pm.

5. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fi Triq San Ġorg Preca. Il-Kunsill iddeċida li toħroġ *tender*, biex isiru ix-xogħolijiet li hemm bzonn f'din it-triq.

6. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ix-xogħol ta' Triq Marsalforn wasal fil-fasi tal-*land surveying* minn naħħa tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. Malli ikun lest il-KSI ser jagħtu stima sa fejn nistgħu naslu bil-*budget* tagħna. Is-Sindku qal li irridu naħsbu għal l-stima ta' Triq Masri ukoll.

7. Is-Sindku qara il-rapport tal-*performance appraisal* tas-Segretarju u tal-*Assistant Principals* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati bir-rata ta 10% u 6% rispettivament.

8. Is-Sindku semma li wasal biex joħroġ ir-rivista tal-Kunsill. Il-Kunsilliera ġew mitluba biex jiktbu artiklu u jgħadduh lill-Assistant Principal Ivan Attard li ser jieħu ħsieb il-koordinament tar-rivista.

9. Is-Sindku innota b'sodisfazzjon li il-*bus shelter* fil-Pjazza tan-Nazzarenu ser tiġi installata mill-kumpanija responabli. Huwa qal li dan ser isir wara aktar minn sena ta pressjoni mill-Kunsill.

10. Is-Sindku semma id-dramm Il-Veronika li ser jittela mis-Sinjura Josephine Azzopardi b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Il-Kunsill iddeċċida li l-ispiza minn naħħa tal-Kunsill ser tkun sa massimu ta' €300.

F'dan il-mument wasal il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar, il-ħin kien is-6:35pm.

11. Is-Sindku semma ukoll li għal l-istreaming tal-laqgħat tal-Kunsill hemm bzonn ikun hemm *internet connection* dedicat għall-istreaming. Il-Kunsilliera Dr. Joseph Attard, Dr. Kevin Cutajar u Is-Sinjura Maria Grima qalu li qabel ma isir l-istreaming il-Kunsill għandu jara li l-istreaming huwa konformi mal-liġi. Is-Segretarju għandu jiverifika dwar dan.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1. E-mail mingħand il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar fejn jizkuza ruħu talli naqas li jattendi għal laqgħa li saret fit-18 ta' Diċembru 2012. Huwa jispjega li minħabba ragunijiet ta xogħol ittardja u meta wasal il-laqgħa kienet spiċċat. Huwa jispjega li billi ma kellux in-numru tal-mobile tas-segretarju huwa bagħat messaġġ lil-Kunsillier Dr Joseph Attard u dan dam ma raħ għalhekk huwa jitlob li jitnizzel bħala skuzat. Il-Kunsill innota il-kontenut.

   Fl-istess e-mail il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar isemmi it-talba tas-Sinjura Shirley Buttiġieġ biex jiġu estizi is-sinjali sofor li hemm faċċata tal-isqaq fi-Triq Bullara. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li is-Sinjura Buttiġieġ għandha talba fil-sezzjoni tat-talbiet u ilmenti tar-residenti. Il-Kunsill qabel li għandna nidiskutu din it-talba aktar tard fil-laqgħa.

2. E-mail mingħand Francesca Scerri, f'isem il-Malta Institute of Management, dwar sessjonijiet ta' 'outreach visits' li din l-

organizazzjoni ser torganizza matul ix-xahar ta' Jannar 2013. Dawn il-visits ser isiru biex iqajmu kuxjenza u jwasslu tagħrif dwar il-benefiċċji ta' *e-learning* fid-dinja tal-lum. Il-Kunsill innota il-kontenut.

3. Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-Group Health Insurance Policy għas-sena 2013. Din is-sena, kien hemm titjib fil-kundizzjonijiet tal-istess assikurazzjoni, tant li s-somma totali li tista' titħallas f'sena waħda għal persuna telgħet minn € 120,000 għal € 250,000. Il-Kunsilli Lokali għandhom zmien sal-Ħamis 31 ta' Jannar biex iġeddu din il-polza tal-assikurazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandna naraw jekk id-detalji tal-polza humiex tajba u għandna nimxu bħas-snin li għaddew.

4. Ittra mingħand is-Sales & Marketing Manager ta' 'The Malta Experience' dwar is-servizzi li joffru fejn fiha qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali sabiex jorganizzaw ħarġa kulturali f'dan il-post. Il-Kunsill innota il-kontenut.

5. E-mail mingħand Rachele Farina f'isem l-Iskola 'Basilio Focaccia' f'Salerno, l-Italja, dwar proġett taħt il-programm Comenius li fih ser jipparteċipaw għadd ta' skejjel minn pajjizi differenti. F'din l-email, huma qed jistiednu lill-iskola primarja tal-lokalita' tagħna sabiex tipparteċipa. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil l-iskola primarja tax-Xagħra dwar din.

6. E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Mayors' Global Summit li ser isir fid-19 ta' Frar 2013 bħala parti mill-8th Forum of the World Alliance of Cities Against Poverty li ser isir f'Dublin, l-Irlanda. Il-Kunsill innota il-kontenut.

7. Memo 60/2012 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar allegati abbuzi fil-lokalitajiet fuq id-dwal tat-toroq. F'dan il-memo hemm indikat li f'kaz ta' tali abbuz, l-impjegati tal-Enemalta għandhom jinfurmaw lill-Kunsill Lokali biex jittieħdu passi ħalli l-apparat li jkun imqabbad mas-sistema tad-dawl mingħand awtorizazzjoni jiġi maqlugħ u mneħħi. Fin-nuqqas ta' dan, il-Korporazzjoni ser izzomm lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv

responsabbli għal kull azzjoni legali li tista' tittieħed. Il-Kunsill innota il-kontenut.

8. E-mail mingħand Mario Schembri tal-Greenpak fejn talab li ssir laqgħa mas-Sindku Joe Cordina u mas-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiġu spjegati s-servizzi li huma joffru. Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 17 ta' Jannar u fiha ġie spjegat li minn April li gej, ser tibda ssir ġabra tal-ħġieġ minn kull residenza kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar filwaqt li ser jerġgħu jitqassmu l-boroz tar-riċiklaġġ lil kull familja fix-Xagħra minn membri tax-Xagħra Scouts Group u organizzajonijiet oħrajn. Il-Kunsill innota il-kontenut.

9. Ittra mingħand M. Turnbull ta' 'Grech Court', Triq ir-Raħħal, Xagħra Għawdex sabiex isir *shifting* ta' bozza li hemm installata viċin ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi immexxija għal post aħjar.

10. Ittra mingħand Carole Butler ta' Flat 9, 'Olive Gardens', Triq Sruġ, Xagħra Għawdex li fiha qed tilmenta dwar zewġ residenti fit-triq tagħha li qed jibqgħu joħorġu l-iskart tagħhom kmieni ħafna bil-konsegwenza li xi qtates qed iqattgħu l-boroz taz-zibel u jħammġu kullimkien. Hi qed titlob lill-Kunsill sabiex iwaħħal *stand* biex il-boroz taz-zibel jiddendlu magħha. Il-Kunsill iddeċċida li tintbagħat ittra lir-residenti tal-blokk fejn tinforma lir-residenti li mhux suppost joħorgu iz-zibel qabel it-tmienja ta' fil-għodu.

11. E-mail mingħand Dott. Evagelista Leuzzi dwar it-tieni konferenza relatata mal-proġett NeMo li ser isir f'Suhindol, il-Bulgarija, bejn it-13 u s-16 ta' Frar 2013. Kif ġie deċiz fl-aħħar laqgħa, f'isem il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ser jattendu l-Viċi Sindku Aaron Agius u l-Kunsilliera Maria Grima. Diġa' saru l-arranġamenti meħtieġa. Il-Kunsill innota il-kontenut.

12. E-mail mingħand is-Sur Carmel Abela, Direttur tal-Kunsilli Lokali, dwar l-allokazzjoni finanzjarja mogħtija lill-Kunsill bejn Jannar u April 2013. Din tammonta għal € 163,664. Il-Kunsill innota il-kontenut.

13. Ittra mingħand is-Sur Joseph Muscat, Segretarju tal-Kumitat Tismija tat-Toroq, dwar il-proposta tal-Kunsill li jingħata isem ġdid lil parti minn Triq Gajdoru li tmiss mal-Qasam ta' Dun Anton. Il-Kumitat infurmana li hu ma jaqbilx li din it-triq tingħata isem differenti. Għaldaqstant, il-Kumitat qiegħed jissuġġerixxi lis-Sindku sabiex jitlob lill-Awtoritajiet konċernati – il-Bord responsabbli min-numerazzjoni ġdida tad-djar fi ħdan il-Ministeru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali – sabiex jieħu l-passi neċessarji. Il-Kunsill innota il-kontenut.

14. Ittra lill-Kunsill mingħand Sciriha, Attard Montalto, Galea & Associates dwar kawza pendenti li hemm fil-Qorti rigward bozza ġdida li għadha kemm twaħħlet fi Triq Gajdoru. Peress li bħalissa hemm kawza pendenti fil-Qorti biex jiġi deċiz jekk dan l-isqaq hux pubbliku jew privat, l-avukat Mark Attard Montalto qed jitlob lill-Kunsill u lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex ineħħu dan id-dawl li skont hu, weħel b'mod illegali mingħajr il-kunsens ta' sid l-imsemmi sqaq. Il-Kunsill iddeċċida li għandna nieħdu parir mingħand Dr Carmel Galea LLD dwar dan u nagixxu skond il-parir li ningħataw.

15. E-mail mingħand Nicoletta Mestieri dwar il-Konferenza li ser tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra bejn it-Tnejn 18 u l-Ħamis 21 ta' Marzu 2013. Min-naħa tal-Kunsill, diġa' sar l-istedin għall-kelliema waqt din il-konferenza u ġie imfassal abbozz ta' programm għad-delegati barranin. Id-delegati ser ikollhom zjara ufficjali fil-Kunsill Lokali tax-Xagħra nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu fis-6.00pm. Il-Kunsill innota il-kontenut.

16. Email mingħand Charmaine Vassallo, PR Officer, MEPA, fejn tinforma lill-Kunsill dwar xi applikazzjonijiet li ġew validati. Fost dawn hemm aplikazzjoni biex jingħata permess biex jiġi provdut servizz ta kiri ta apparat tal-baħar minn fuq ir-ramel fir-Ramla il-Ħamra. Il-Kunsill iddeċida li għandna ninfurmaw lill-Perit biex jagħmel *objection.*

17. E-mail mingħand is-Surmast Colin Attard fejn qed jistaqsi lill-Kunsill jekk hux interessat li jorganizza Kunċert muzikali (bħalma ġara fis-snin li għaddew) bħala parti mill-'Gaulitana: A Festival of Music'

organizzat mill-Kor Gaulitanus. Il-Kunsill qabel li għandna inkellmu lil-Dun Gwann Sultana, ir-rettur tal-Knisja ta Sant' Anton.

18. E-mail mingħand rapprezentant tal-Associazione Culturale Strauss (fl-Italja) dwar training course li ser isir fi Sqallija bejn it-8 u l-15 ta' Ottubru 2013. Dan il-proġett ser jinvolvi 34 zagħzugħ minn 17-il pajjiz differenti, membri tal-Unjoni Ewropea. Nistgħu nibagħtu sa massimu ta' zewġ parteċipanti. Il-partecipanti jħallsu biss 30% fuq l-ispejjez tal-biljetti tal-ajru. Il-Kunsill ideċċida li għandna ingibu aktar dettalji dwar din.

19. E-mail mingħand id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali li fiha nfurmawna li wara li saret spezzjoni fil-Gnien ta' quddiem il-Mitħna Ta' Kola, instab li hemm tmien siġar tal-palm infettati bil-bumunqar l-aħmar. Għaldaqstant, id-Direttorat informa lill-Kunsill sabiex fi zmien tmint'ijiem, jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex il-partijiet infettati tas-siġar jiġu mneħħija u jibda jsir programm regolari ta' bexx biex tiġi kkontrollata l-firxa ta' dan il-bumunqar. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu reminder lid-Direttorat tal-Proġetti u Zvilup fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex, jekk jiġi deċiz li dawn il-palm jinqatgħu għandna nibgħatu ittra lir-residenti tax-Xagħra dwar dan.

20. Ittra mingħand Rev. Dun Gorg Spiteri miz-Zejtun Malta dwar il-kundizzjoni medika ta' tfajla Maltija ta' erbgħa u għoxrin sena li tbati minn paralisi f'saqajha. Hu qed jitlob lill-Kunsill sabiex jekk jista', joffri donazzjoni zghira biex jgħin lil din it-tfajla u lill-familja tagħha. Il-Kunsill innota il-kontenut.

21. Ittra mingħand il-Kumitat Festi tal-Għid fejn qed iġeddu t-talba tagħhom sabiex il-Kunsill Lokali jikkontribwixxi fl-ispiza tal-pubblikazzjoni ta' ktieb informattiv dwar il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fix-Xagħra. Dan il-ktieb ser jiġi ippublikat fl-okkazjoni tal-mitt sena mill-miġja tal-Kurċifiss artistiku ta' Lecce u l-mitt sena mill-miġja tas-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill qabel li il-Kunsill jkoppri spejjez li jammontaw għall-€1,100 din is-sena u jkoppri spejjez li jammotaw għall- €1,100 fil-ktieb li ser jinħareġ is-sena id-dieħla.

22. Ittra mingħand is-Sur Noel A. Scerri ta’ 51, Triq Sruġ, dwar applikazzjoni li għandu quddiem il-MEPA sabiex jiftaħ snack bar fi Triq Kortoll. Is-Sur Scerri qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħti no objection lill-MEPA biex dan is-snack bar ikun jista’ jibda jopera. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtu in-*no objection*.

23. Email mingħand Ilina Ivanova, fejn tinforma lill-Kunsill li ma hemmx problema li il-delegazzjoni tax-Xagħra li sejra Suhindol tingħata lejl extra fil-lukanda f’Suhindol. Din ser tingħata bla ħlas u l-għada ser iwassalu lid-delegazzjoni l-arjuport bil-karozza tagħhom. Il-Kunsill innota il-kontenut.

24. Ittra mingħand Dr. Stephanie Jean Coppini LL.D. sabiex il-Kunsill Lokali jiddiskuti proposta ħalli Triq il-Knisja (il-parti ta’ fuq), li prezentament hija *two-way*, tiġi mibdula f’*one-way* minħabba l-ammont kbir ta’ traffiku li jgħaddi minnha. Il-Kunsill iddeċida li għandna niddiskutu dwar dan aktar fid-dettal fil-futur.

25. Ittra mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo li fiha qed jistieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fi Pjazza Sant’Anton nhar il-Ħadd 28 ta’ April 2013 fil-5pm fl-okkazjoni tat-325 Anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna. Il-Kunsill innota il-kontenut.

26. Email mingħand Ryan Schembri, Asst Produzzjoni, Hadd Għalik, biex jaraw jekk hemmx persuni fil-lokalita tax-Xagħra li għandhom xi storja jew esperjenza li jixtiequ jaqsmuha fuq il-progamm. Il-Kunsill innota il-kontenut.

**Ilmenti**

1. Talba mingħand Shirley Buttigieg li toqgħod f’”Ta’ Ċikku”, Triq Bullara, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar man-naħa ta’ garaxx residenzjali li hi għandha fi Triq San Ġużepp. Din it-talba qed issir peress li qed isir ipparkjar ta’ vetturi hemmhekk bil-konsegwenza

li r-residenta ma tkunx tista' toħroġ faċilment mill-garaxx tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw qabel.

2. Talba mingħand Pawlu Xerri ta' 109, Triq Bullara, sabiex titranġa bankina ezistenti tar-residenza tiegħu fi Triq Bullara. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir.

3. Talba mingħand Victor Cremona ta' 'Ave Maria', Triq John Otto Bayer sabiex titranġa l-parti tal-bidu ta' Triq Għajn il-Ġdida għax tinsab fi stat ħazin. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

4. Talba mingħand Albert Sciberras ta' 'Ġermida', Triq Brieret, sabiex titranġa bankina residenzjali bejn Triq Parisot u Triq Brieret. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

5. Talba mingħand Taddeo Farrugia ta' Triq Ġnien Xibla sabiex isir ftit siment mal-ħajt tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

6. Talba mingħand Martin Attard ta' 'Merħba', Triq il-Mitħna, sabiex titranġa l-bankina u r-rampa quddiem post li għandu fi Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

7. Talba mingħand Saviour Buttigieg ta' Triq Gajdoru sabiex urġentament titranġa katusa tal-ilma fil-bidu tad-daħla tal-Għejun. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

8. Talba mingħand Emmanuel Borg ta' 'Roseann', Triq ix-Xagħri, Kerċem sabiex issir ilqugħ bis-siment fl-inħawi tat-Triq Ta' Ħamet biex l-ilma jibqa' niezel għat-triq tar-Rabat u mhux jidħol fir-raba'. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

9. Talba sabiex tiġi installata bozza ġdida fi Triq Masri fl-inħawi fejn hemm il-flats qabel tidħol għal Triq Kalipso. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir izda għandna inkellmu lill-Inginiera ta' Enemalta qabel.

10. Ilment mingħand Christopher Saliba li joqgħod f'"Ta' Karmena", Triq it-28 ta' April 1688, dwar is-sitwazzjoni ta' kumulu eċċessiv ta' ilma fis-sqaq fl-imsemmija triq. Hu qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel culvert quddiem dan il-post li għandu f'dan l-isqaq biex l-ilma jibda jinġabar fih. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

11. Talba mingħand Victor Vella ta' Triq Għajn Qamar sabiex jitranġaw ir-rampi quddiem il-garaxxijiet tiegħu fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

12. Talba mingħand Maria Xiberras ta' 77A, 'Saint Joseph', Triq Gajdoru, sabiex titneħħa l-bozza li twaħħlet fi sqaq fi Triq Gajdoru peress li r-residenta qed tallega li dan huwa sqaq privat. Ir-residenta qed tipprovdi dokumenti li juru li bħalissa hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti biex jiġi deċiz l-ownership tal-imsemmi sqaq. Il-Kunsill ideċċida li għandna nieħdu parir legali dwar din il-kwistjoni, imbagħad niddiskutu dan il-parir fl-laqgħa oħra.

13. Talba mingħand Victor Galea ta' 'Margherita', Triq Mikelanġ Pace, sabiex titranġa r-rampa li hemm quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

14. Talba mingħand Emmanuel Bonello ta' 11, Triq Masri, sabiex jitranġa ħajt imwaqqa' faċċata tar-residenza tiegħu fi Triq Masri. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

15. Talba mingħand Eucharistico Sultana ta' 'Sultana', Triq il-Kortoll, sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Huwa lest li jagħmel ix-xogħol kollu hu jekk jingħata l-materjal. Il-Kunsill iddeċida li jingħata il-materjal u ser nippruvaw nuzaw materjal li kien fadal zejjed fuq xogħol ieħor.

16. Talba mingħand Carmela Agius ta' 51, Triq Franġisk Camilleri, sabiex jitranġa ħajt imwaqqa' fl-inħawi tal-Pergla għax qed jostakola passaġġ pubbliku. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

17. Talba mill-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex isir *gutter* tal-ilma quddiem ir-residenza tal-familja Portelli fin-naħa t'isfel ta' Triq Bullara. Il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu isir.

18. Talba sabiex issir bozza ġdida fi Triq il-Patrijiet Agostinjani fil-Qasam ta' Dun Anton għax qed ikun hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

19. Talba mingħand Anthony Gauci ta' 'Sacred Heart', Triq Patri Mattew Sultana, sabiex titranġa r-rampa ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

20. Talba mingħand Louis Bajada ta' 'Saint Peter and Saint Paul Court', Triq Ġuzeppi Grech, sabiex titranġa l-ewwel parti ta' Triq it-Tiġrija fejn hemm il-ħanut '5-A-Day Grocer' wara l-Knisja. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

21. Talba mis-Sindku Joe Cordina f'isem xi residenti sabiex isiru tabelli 'Keep access free' fi Triq Ghajn Qamar. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

22. Ilment mingħand Stella Borg ta' 'Ave Maria', Triq Ta' Gajdoru, dwar is-sitwazzjoni ħazina tal-parti tat-triq fejn toqgħod hi. Hi qed titlob li jsir irranġar bis-siment ta' din il-parti tat-triq peress li hemm ħafna ħofor fondi fiha. Il-Kunsill qabel li naraw x'hemm bzonn isir.

23. Talba mingħand Monica Portelli ta' 'Qalb ta' Ġesu', Triq Għajn Qamar, sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċida li ix-xogħol isir.

**Approvazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-8.00 pm. Il-Kunsill iddeċċieda li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 21 ta' Frar 2013 fis-5.30pm.

**Joseph Cordina** — **Mark Formosa**
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**